

# Ngħożżu dak kollu li huwa tagħna l-Maltin



**John Buttigieg**
Sindku

Huwa gost u ta' sodisfazzjon għalija li bħala Sindku tas-Seba' Kunsill Lokali tal-Mellieħa, permezz tal-ktejjeb tal-Għaqda Mużikali Imperial, qiegħed għall-ewwel darba f'din il-leġiżlatura, inwassal il-messaġġ tiegħi lill-Melliħin kollha fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina.

Il-festa hija biss il-qofol tal-attivitajiet kollha li l-Għaqda Mużikali Imperial tkun għamlet matul is-sena. Illum il-ġurnata l-impenn tal-Għaqda mhuwiex biss impenn mużikali, imma anke impenn kulturali, edukattiv, kif ukoll dak ta' rikreazzjoni. Hekk naraw li l-Għaqda Mużikali Imperial torganizza mhux biss is-soliti programmi mużikali, imma anke diversi wirjiet u ħarġiet edukattivi għas-sostenituri u ammiraturi tal-istess soċjetà.

Il-festa tar-raħal bħal speċi twassal fl-aħħar sena sħiħa ta' impenn u ħidma. Tispiċċa sena xogħol ma jaqta' xejn li l-Għaqda tkun għamlet. Dan dejjem għall-beneficċju mhux biss tal-membri tagħha, iżda lejn il-poplu kollu, għax għandha għal qalbha l-avvanz mużikali, kulturali u ċiviku tan-nies tal-Mellieħa.

Biss il-festa tar-raħal għandha wkoll sinifikat nazzjonali. Il-festa turina li huwa essenzjali li pajjiżna jkompli jiżviluppa u jagħmel progress meħtieġ skont kif jitolbu ż-żminijiet moderni, billi wkoll, jekk ikun hemm bżonn jaddatta skont iċ-ċirkostanzi tiegħu, it-tajjeb ta' ħaddieħor. Biss xejn m'għandu jżommna milli nkomplu ngħożżu l-kultura li ssawwar il-karattru tal-poplu tagħna u tiddistingwih minn ġnus oħra. Huwa importanti li l-kultura tal-ġens Malti, mhux biss tkompli tkun imħarsa, iżda wkoll imsaħħa aktar, għax għalkemm tmur lura eluf ta' snin, għarfet tibqa' qawwija u soda minkejja l-ġrajjiet imqallba li għadda minnhom pajjiżna taħt ħakmiet diversi mill-barrani.

Bl-impenn tagħhom l-għaqdiet mużikali qegħdin jgħinu biex dan kollu jseħħ u għalhekk l-għaqdiet tagħna għandhom jingħataw għajnuna kontinwa u jinżamm kuntatt dirett magħhom. B'dawn il-ħsibijiet f'moħħna matul dawn l-aħħar għaxar snin, il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u t-tliet għaqdiet mużikali Melliħin kellhom ftehim ta' koperazzjoni fl-oqsma kulturali u mużikali, ftehim li permezz tiegħu l-attività kulturali u mużikali fil-Mellieħa kompliet titkattar u tinfirex għall-benefiċċju ta' kulħadd. Persważ li dan is-sens ta' koperazzjoni bejn il-Kunsill u l-għaqdiet, mhux biss mużikali, imma anke oħrajn, se jkompli jitkattar u jikber fix-xhur u snin li ġejjin biex finalment tgawdi l-komunità Melleħija.

Nagħlaq dan il-messaġġ, billi l-ewwel nett nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor qegħdin jagħtu s-sehem tagħhom fil-festa, kemm fl-attivitajiet li jsiru ġewwa, kif ukoll fl-attivitajiet li jsiru barra matul il-ġranet tal-festa. Nies li ħafna drabi l-impenn tagħhom ma jkunx jidher, biss Alla ħares ma jkunux huma. Naturalment ma jistax jonqos li f'dan il-messaġġ ma nagħtix il-festa t-tajba lill-Melliħin kollha, anke dawk li qegħdin jgħixu barra mill-Mellieħa, kif ukoll lil dawk l-emigranti Melliħin, li jien ċert li għalkemm qegħdin 'il bogħod minna, qalbhom żgur li tkun magħna f'dawn iż-żminijiet.

Insellem u nirringrazzja lill-President is-Sur Josef Borg u l-membri tal-Għaqda Mużikali Imperial għall-ħidma siewja li jagħmlu, mhux biss fil-festa titulari, imma matul is-sena kollha, għall-ġid tal-komunità Melleħija.